**Ir-Regola tad-Deheb**

April 1978

Mela dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom: għax din hi l-liġi u l-profeti." (Mt 7, 12)

Qatt ħassejt l-għatx għal dak li hu infinit? Qatt ħassejt ix-xewqa li tgħannaq lil dak li hu bla tarf? Qatt ħassejt fil-fond ta' qalbek li m'intix sodisfatt b'dak li tagħmel jew li int?

Jekk hu hekk, naħseb tkun kuntent issib kif timla qalbek b'dak kollu li tħoss li hu nieqes u ssib xi ħaġa li timla l-ġranet tiegħek u ma tħallihomx qishom bla sens.

Hemm kelma fil-Vanġelu li ġġiegħlek taħseb, u wara li tifhimha, timliek bil-ferħ. Fiha hemm dak kollu li jeħtieġ nagħmlu fil-ħajja. Tiġbor fiha l-liġi li Alla stess qiegħed fil-qalb ta' kull bniedem. Tgħid hekk:

"Mela dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom: għax din hi l-liġi u l-profeti".

Din il-kelma tissejjaħ "ir-regola tad-deheb".

Qalha Kristu, imma ġa kienet magħrufa sew. Kienet miktuba fit-Testment il-Qadim; Seneca kien jafha u ċ-Ċiniż Konfuċju kien itenniha ta' spiss. Hemm oħrajn ukoll. Dan juri kemm din il-kelma hi għal qalb Alla u kemm jixtieq li l-bnedmin kollha jagħmluha r-regola ta' ħajjithom.

Sabiħa meta taqraha; tinstema' bħala slogan. Ejjew nerġgħu nisimgħuha:

"Mela dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom".

Jeħtieġ li nħobbu lil kull bniedem li niltaqgħu miegħu matul il-ġurnata. Hemm bżonn inpoġġu ruħna fis-sitwazzjoni tiegħu u nġibu ruħna miegħu kif nixtiequ li hu jġib ruħu magħna li kieku konna minfloku.

Il-vuċi t'Alla fina tgħidilna kif għandna nħobbu f'kull ċirkustanza. Hemm min hu bil-ġuħ? Irrid ngħid: jien bil-ġuħ, u nagħtih jiekol. Hemm min qed ibati minħabba xi inġustizzja? Irrid inħoss it-tbatija ta' dik l-inġustizzja. Hemm min hu mħawwad u fid-dubju? Irrid inħoss dak li qed iħoss hu; ngħidlu kliem ta' faraġ, naqsam miegħu t-tbatija li jkun għaddej minnha u ma noqgħodx bi kwieti qabel ma narah jieħu r-ruħ. Aħna nixtiequ li l-oħrajn iġibu ruħhom magħna b'dan il-mod.

Hemm xi ħadd bi bżonnijiet speċjali. Irridu nħobbuh b'mod li l-bżonnijiet tiegħu nħossuhom tagħna. L-imħabba għandha tissuġġerilna kif inġibu ruħna miegħu biex hekk hu jħossu bħall-oħrajn, anzi bi grazzja aktar kbira, għax in-Nisrani jaf kemm hi prezzjuża t-tbatija.

Irridu nġibu ruħna b’dan il-mod ma’ kulħadd, bla ma nagħmlu ebda differenza bejn simpatiku jew antipatiku, żagħżugħ jew anzjan, ħabib jew għadu, barrani jew minn pajjiżna, sabiħ jew ikrah…, għax il-Vanġelu jgħidilna li għandna nħobbu lil kulħadd.